**Minuti tal-460 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 29 ta' Frar 2016**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Agius (Is-Sway), is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Joseph Bonnici.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil kienet skużata.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fis-seba' paragrafu ta' paġna 360 u minflok il-kliem 'Final Cut' jidħol il-kliem 'Vjola'. 5548/16

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħames paragrafu ta' paġna 355 u wara l-kliem 'Is-Sur Joseph' jidħol il-kliem 'Bonniċi'. 5549/16

Il-minuti tal-460 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg. 5550/16

<u>Item 3 - Punti li joħorġu mill-minuti</u>

Is-Sinjura Anna Calleja nfurmat lill-Kunsill illi kiener ser torganizza kompetizzjoni għall-isbaħ u l-itjeb tliet figolli mżejna għall-festa tal-Għid. Is-Sinjura Calleja talbet l-appoġġ tal-Kunsill sabiex din l-attività tkun suċċess.

Item 4 - Qari tal-minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Enemalta dwar proċeduri ġodda relatati mat-twaħħil ta' bozoz ġodda mill-Kunsill Lokali u entitajiet nazzjonali oħrajn awtorizzati sabiex ikun hemm aktar awtonomija u servizz aħjar lill-Kunsilli Lokali.

Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Gareth Agius dwar inċident li allegatament kellu fi Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, fejn talab kumpens ta' bejn €190 u €210 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. 5551/16

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ta l-approvazzjoni tiegħu sabiex jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament illi l-Bord tal-Għażla għal dan l-ingaġġ ikun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Vella, is-Sur John J Pace u s-Segretarju Eżekuttiv. 5552/16

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Kenneth Cutajar *General Manager* tad-*District Operations Limited* fejn informa lill-Kunsill li mill-1 ta' Marzu 2016 il-ħaddiema li qiegħdin jagħmlu xogħol fil-komunità ser jiġu mpjegati b'mod indefinit mal-kumpanija *District Operations Limited* u ser jibdew jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa bil-Kunsill Lokali jkun responsabbli miż-żamma tat-*time sheets*, tal-*leave* u *sick leave*.

Fis-6.35 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekonda mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li l-ħaddiema fil-komunità, is-Sur Louis Scerri u s-Sur John Mary Abela jinżammu mill-Kunsill biex ikomplu bix-xogħol tagħhom fil- komunità. 5553/16

Item 6 - Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-3 ta' Frar 2016 u d-29 ta' Frar 2016 li kienet tammonta għal €34,795.98. 5554/16

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2016 li kien jammonta għal €116.49. 5555/16

Item 7 – Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-sena 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Annwali finalizzati għas-sena finanzjarja 2016. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri. 5556/16

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja ġew approvati unanimament il-minuti tas-72 sas-77 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. 5557/16

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 2016 u dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg. 5558/16

Item 8 – Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol fil-Masġar taż-Żebbuġ mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima. Is-Sindku qal illi l-proġett kien qiegħed isir mis-Sezzjoni tal-Parks u kien jinkludi bini ta' *public convenience, store room* u kamra għall-makkinarju kif ukoll tliet żoni bil-*playing equipment*, żewġ *gazebos*, Teatru Grieg, *picnic areas* bl-imwejjed u l-bankijiet u ser tiġi pavimentata l-art. Is-Sindku qal ukoll illi l-Masġar taż-Żebbuġ kien ser jingħalaq u li l-masġar ser jiġi mgħassas.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jsir *dog park* maġenb il-Masġar taż-Żebbuġ bħala parti mill-proġett. 5559/16

Is-Sindku qal illi d-dewmien relatat mal-proġett tal-bandli fi Ġnien il-Kunsill kien dovut għall-fatt illi kien hemm tibdil żgħir fix-xogħol li mistenni jsir fit-Teatru Grieg u tibdil fir-*reservoir* tal-ilma u l-Kunsill kien qed jistenna stima dwar dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku qal ukoll illi x-xogħol mistenni jitlesta sal-aħħar t'April 2016.

Is-Sindku qal illi kien ser isir xogħol mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura fil-pjazza ta' Misraħ is-Sliem.

Is-Sur Brian Spiteri nforma lill-Kunsill illi kien qed jidħol l-ilma fix-Xelter tal-Misraħ u għalhekk kien ingħalaq temporanjament l-ilma tal-funtana li hemm f'dan il-misraħ.

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2016 dwar il-Park Nazzjonali tal-Inwadar mill-Ministru Leo Brincat.

Dwar il-kiri tal-garaxx fi Triq id-Dukkar, is-Sindku nforma lill-Kunsill illi sid il-garaxx kien irrifjuta li jnaqqas il-prezz tal-kirja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jikri l-garaxx fi Triq id-Dukkar għall-perjodu ta' sena għall-ħlas ta' €730 mingħand is-Sur Nicholas Aquilina. 5560/16

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jiftaħ paġna fuq *facebook* sabiex il-pubbliku jiġi nfurmat dwar ix-xogħol li kien qed jitwettaq fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar. 5561/16

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien irċieva talba għal ħlas addizzjonali ta' €600 mingħand is-Sur Julian Rizzo peress illi x-xogħol ta' disinn u nformazzjoni tal-*website* tal-Kunsill kien inbidel u żdied minn kif oriġinalment kien miftiehem fuq ordni tal-ex-Sindku s-Sur Quinton Scerri. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mas-Sur Julian Rizzo. 5562/16

Dwar l-istedina uffiċjali għal Eschenfest li ser issir f'Mejju li ġej, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, qabel unanimament illi d-delegazzjoni tal-Kunsill għal din l-attività tkun komposta mis-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, s-Sur Joseph Vella u s-Sur Joseph Bonnici. 5563/1

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi f'laqgħa li kellu mas-CEO tal-LESA ġie diskuss l-andament tas-sistema ta' Infurzar Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur John Galea ġie maħtur bħala *Regional Officer* biex jissorvelja l-operat tal-Gwadjani Lokali f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku feraħ lis-Sur Mark Grech u lis-Sur Joseph Agius (is-Sway) għall-fatt illi l-attivita' Aqra Miegħi – *Read With Me* li ġiet organizzata fil-librerija tal-Kunsill kienet suċċess.

Is-Sur John J Pace qal illi kien hemm sprall imkisser u perikoluż fi Triq id-Dejqa.

Is-Sur John J Pace ressaq ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti sabiex il-kaptelli tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira jinbidlu u minflok isiru spralli tal-ħadid peress illi kienu qed iħabbtu.

Is-Sur John J Pace talab sabiex titnaddaf għalqa li hemm fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi din l-għalqa kienet ser titnaddaf mis-sid fuq ordni diretta mill-MEPA.

Fit-7.45 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

Is-Sur Mark Grech qal illi kienu qed jitwaħħlu *bins* tal-iskart mill-kumpanija *Wasteserv* fil-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja A Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex jitwaħħal apparat li jindika l-veloċità fi Triq Villabate peress illi kien qed isir sewqan eċċessiv.

Fit-7.55 ta' filgħaxija is-Sindku talab li jkun skużat. Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius kompla jmexxi l-laqgħa.

Is-Sur Joseph Agius talab li jiġu rranġati żewġ spralli li hemm fi Triq is-Santwarju maġenb il-monument ta' Agatha Barbara peress illi dawn kienu qed iħabbtu.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm arblu tad-dawl imkisser fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta' Misraħ San Nikola.

Is-Sur Joseph Agius talab li jsiru *culverts* tal-ilma tax-xita fi Triq Felice ma' Triq l-Iskola biex jindirizza l-problema ta' għargħar ta' ilma tax-xita.

Is-Sur Joseph Agius ressaq quddiem il-Kunsill lista ta' bankini li għandhom bżonn xogħol ta' manutenzjoni fosthom fi Triq Strickland, Triq Wied il-Għajn, Triq Tumas Dingli ma' Triq is-Santwarju, Triq ix-Xgħajra ma' Triq is-Santwarju u fi Triq Wied il-Għajn ma' Triq il-Qaqoċċ.

Is-Sur Joseph Bonnici talab lill-Kunsill sabiex jerġa' jibda jorganizza attivitajiet kulturali u sportivi bħal ganutell u *keep fit*.

Is-Sur Joseph Bonnici rringrazzja lill-Kunsill għax-xogħol ta' manutenzjoni li sar fuq ir-*road humps* fi Triq il-Luq.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk hemmx il-possibbiltà li jerġa' jiġi organizzat *Summer Youth Camp* għaż-żgħażagħ Żabbarin. Is-Sur Joseph Vella qal illi għal din is-sena ma kienx hemm biżżejjed konkorrenza mill-parteċipanti barranin.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jitwaħħlu iktar *dustbins* fi Triq tal-Labour.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk hux ser isir il-*cat cafe* f'Misraħ is-Sliem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ikun aħjar jekk jitlesta x-xogħol ta' manutenzjoni fil-pjazza, li ser isir mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, qabel isir il-*cat cafe*.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi fi Triq Villabate kien qed ikun hemm ħafna ħmieġ u kaxxi.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet li tiġi rranġata l-ewwel bozza fi Triq Lia minn naħa ta' Triq il-Qalb Imqaddsa peress illi kienet qiegħda itteptep.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienet qed issir ħsara fuq il-bankina fi Triq tal-Labour quddiem is-*Southern Fried Chicken* peress illi l-vetturi l-kbar kienu qed jitilgħu fuq il-bankina.

Fit-8.15 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kien ser isir id-dawl maż-*zebra crossing* ta' Triq Wied il-Għajn.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir xogħol ta' *patching* estensiv quddiem ir-residenza numru 84 fi Triq l-Iskola peress illi kien qed iżomm l-ilma tax-xita.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru *culverts* fi Triq l-Iskola ma' Triq il-Karmnu biex jindirizza l-problema ta' għargħar ta' ilma tax-xita.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet li tiġi ndirizzata l-problema ta' għargħar ta' ilma tax-xita li hemm f'salib it-toroq bejn Triq il-Qalb Imqaddsa ma' Triq Lia peress illi jgħaddi kwantità ta' ilma.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir *patching* fi Trejqet San Ġorġ Preca.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienet saret ħabta bejn żewġ vetturi fi Triq tal-Labour u waħda mill-vetturi baqgħet dieħla fic-*central strip*. Is-Sur Buttigieg talab li jsir *refresh* tal-i*stop sign* u talab li jsir sinjal tal-*give way* li hemm f'din il-parti tat-triq.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex issir talba lil Transport Malta u jitwaħħlu tabelli tal-*give way* fi Triq tal-Labour ħdejn il-ħanut *Aercomms*.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fid-29 ta' Marzu, 2016 kien ser jorganizza attività għall-anzjani fl-okkazjoni tal-Għid.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex tiġi rranġata bozza li hemm tixgħel u titfi quddiem ir-residenza numru 8 fi Triq il-Klin.

Is-Sur Brian Spiteri qal illi kien qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-qtates fi Triq il-Ħawt.

Is-Sur Joseph Vella ressaq talba li rċieva mingħand residenta sabiex tinżabar siġra fi Triq San Leonardu fil-viċinanzi tal-*pitch* tal-boċċi.

Is-Sur Joseph Agius irringrazzja lill-Kunsill għar-rampi li saru għall-persuni b'diżabilità fi Triq is-Santwarju u f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-461 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 21 ta' Marzu 2016.

Marc Vella Bonnici
Sindku